

- tannulla d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1388 tat-23 ta' Ġunju 2022 dwar l-oġġezzjonijiet mhux riżolti rigward it-termini u l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni tal-prodott bijoċidali Pat'Appât Souricide Canadien Foudroyant imressqa minn Franza u mill-Iżvezja f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2022, L 208, p. 7);
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Istat tad-dritt fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 48 u ksur tal-artikoli 1(1) u 32 tar-Regolament (UE) 528/2012 (iktar 'il quddiem ir-"RPB")<sup>(1)</sup>.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 33, 35 u 36 tar-RPB.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-Istat tad-dritt fir-rigward tal-applikazzjoni tat-Trattati – prinċipji ta' ċertezza legali u ta' aspettattivi leġittimi.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 19 tar-RPB u żball manifest ta' evalwazzjoni.
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq użu eċċessiv ta' poter u ksur tal-Istat tad-dritt fir-rigward tal-applikazzjoni tat-Trattati – prinċipji ta' ċertezza legali, ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, ta' proporzjonalità u l-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni.

<sup>(1)</sup> Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali, ĠU 2012, L 167, p. 1.

### Rikors ippreżentat fit-28 ta' Novembru 2022 – UniSystems Luxembourg u Unisystems systemata pliroforikis vs ESMA

(Kawża T-750/22)

(2023/C 45/27)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

**Rikorrenti:** UniSystems Luxembourg Sàrl (Bertrange, il-Lussemburgu) Unisystems systemata pliroforikis monoprosopi anonimi emporiki etairia (Kallithea, il-Greċja) (rappreżentant: N. Korogiannakis, avukat)

**Konvenut:** L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA)

### Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-ESMA li tagħżel l-offerta tar-rikorrenti bħala t-tieni fil-kaskata fis-sejħa għal offerti miftuħa għal Konsulenza tal-ICT – PROC/2021/12 "Provista Esterna ta' Servizzi tal-IT", u li tagħti l-ewwel kuntratt fil-forma ta' kaskata fl-istess sejħa għal offerti lill-ewwel konsorzju tal-kaskata, ikkomunikata lir-rikorrenti permezz ta' ittra tal-ESMA tas-17 ta' Settembru 2022;

- barra minn hekk, tikkundanna lill-ESMA tħallas id-danni mġarrba mir-rikorrenti għat-telf ta' kuntratt bl-ammont ta' EUR 3 500 000 għall-ewwel sentejn tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Jekk il-kuntratt jittawwal iktar, kif speċifikament previst, ir-rikorrenti jitolbu l-ammont addizzjonali li jikkorrispondi għat-tul sħiħ tal-kuntratt, ibbażat fuq ammont annwali ta' EUR 1 750 000, bi tnaqqis ta' kull ammont li eventwalment jikkorrispondi għall-marġni gross ta' kuntratti speċifiċi li jkunu eżegwit mir-rikorrenti fil-kwalità taġġhom tat-tieni kuntrattur tal-kaskata, fejn l-ammonti kollha msemmija iktar 'il fuq iġarrbu l-interessi;
- sussidjarjament, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li r-rikorrenti ma humiex intitolati għall-kumpens tal-ammont sħiħ tad-danni mġarrba minħabba d-deċiżjonijiet illegali attakkati tal-ESMA, ir-rikorrenti jitolbu d-danni minħabba t-telf ta' opportunità bl-ammont ta' EUR 400 000, flimkien mal-interessi;
- tikkundanna lill-ESMA għall-ispejjeż legali tar-rikorrenti u għall-ispejjeż l-oħra sostnuti fil-kuntest ta' dan ir-rikors, anki jekk dan ir-rikors jiġi miċħud.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors taġġhom, ir-rikorrenti jinvolkaw żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq allegat ksur tar-Regolament Finanzjarju<sup>(1)</sup> u tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt: Il-prezz offrut mill-ewwel kuntrattur tal-kaskata huwa anormalment baxx/speċifiku peress li l-profilu huma pprezzati taħt is-salarju minimu legali fil-Ġermanja u fil-Ġreċja. Għall-istess raġunijiet, ir-rikorrenti jsostnu li kien hemm ksur tal-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt, u tal-prinċipji ta' trasparenza u ta' amministrazzjoni tajba.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq allegat ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, tad-dritt għal rimedju effettiv u ta' rekwiżit formali essenzjali.
  - L-ewwel parti tat-tieni motiv għal annullament: Ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, motivazzjoni insuffiċjenti;
  - It-tieni parti tat-tieni motiv għal annullament: Ksur tal-prinċipju ta' dritt għal rimedju effettiv u ksur ta' rekwiżit formali essenzjali.

<sup>(1)</sup> Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU 2018, L 193, p. 1, rettifika fil-ĠU 2019, L 60, p. 36).

## Rikors ippreżentat fis-7 ta' Diċembru 2022 – Sboarina vs Il-Parlament

(Kawża T-761/22)

(2023/C 45/28)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

### Partijiet

Rikorrent: Gabriele Sboarina (Verona, l-Italja) (rappreżentant: M. Paniz, avvocato)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

### Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni ta' "Modifika fl-istabbiliment tal-kontribuzzjonijiet għall-pensjoni tal-irtirar tal-ex membru Taljan tal-Parlament Ewropew", ikkomunikata permezz ta' ittra tal-21 ta' Settembru 2022 li waslet fit-28 ta' Ottubru 2022, tad-Direttorat Ġenerali tal-Finanzi tal-Parlament Ewropew u li għandha bħala suġġett "kalkolu ġdid tal-kontribuzzjonijiet għall-pensjoni tal-irtirar wara d-Deċiżjoni Nru 150, tat-3 ta' Marzu 2022, tal-Uffiċċju tal-Prezidenza tal-Kamra tad-Deputati", ikkomunikata lir-rikorrent u, f'kull każ, tannulla l-istabbiliment il-ġdid u l-kalkolu l-ġdid tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar imħallsa lir-rikorrent mill-Parlament Ewropew, kif ukoll kull att preċedenti jew sussegwenti;